FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2002**

**Numru 34**

**Avviz numru 752/02JR**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Joseph Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm143.67), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut Joseph Grech lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 11296 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn April u Ottubru, 2001;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nicolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm143.67), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' ta' l-1 ta' Frar, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**